C/2024/1131

26.1.2024

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal modifika ta' terminu tradizzjonali fis-settur tal-inbid f'konformità mal-Artikolu 28(3) u mal-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni

"Oloroso"

(C/2024/1131)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 22(1) u Artikolu 27(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/34. ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien xahrejn mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA LI TIKKONĊERNA T-TERMINU TRADIZZJONALI

"Oloroso"

Data tal-wasla tal-applikazzjoni: 5 ta' Mejju 2023

Għadd ta' paġni (inkluż din il-paġna): 3

Lingwa tal-applikazzjoni għal modifika: Spanjol

Numru tal-fajl: Ares (2023)3171562

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-modifika: Oloroso

Applikant: Id-Direttorat Ġenerali għall-Industriji Agroalimentari, l-Innovazzjoni u l-Katina tal-Provvista tal-Ikel tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ilma u l-Iżvilupp Rurali ta' Andalusija

L-indirizz sħiħ (in-numru u l-isem tat-triq, il-belt/ir-raħal u l-kodiċi postali, il-pajjiż):

C/ Tabladilla, s/n, 41071 Seville Spain

Nazzjonalità: Spanjol

Telefown, feks, posta elettronika:

Telefown: +34 955032278;

Fax: +34 955032460;

Indirizz tal-posta elettronika: dgiica.capadr@juntadeandalucia.es

Deskrizzjoni tal-modifika:

— Il-kategorija 1-L-inbid huwa inkluż bħala kategorija ġdida ta' prodotti tad-dwieli koperti mill-protezzjoni.

— Fis-sommarju tad-definizzjoni/kundizzjonijiet tal-użu, dan li ġej:

"*Inbid likur (vino generoso) ta' "Jerez-Xérès-Sherry" u "Montilla Moriles" bil-kwalitajiet li ġejjin: b'palat qawwi, irtundjat u belluż, aromatiku, vibranti, xott jew kemxejn ħelu, ta' kulur simili għal dak tal-kawba, b'qawwa alkoħolika proprja ta' bejn 16 u 22º. L-inbid ikun ilu jimmatura għal mill-inqas sentejn, bl-użu tas-sistema "criaderas y soleras", f'bwieqi tal-ballut b'kapaċità massima ta' 1 000 litru.*"

ġie sostitwit bid-definizzjoni/kundizzjonijiet tal-użu li ġejjin:

1. *It-terminu "Oloroso" jista' jintuża għall-inbejjed bit-terminu "vino generoso" ta' "Jerez-Xérès-Sherry", "Montilla-Moriles" u "Condado de Huelva" li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:*

   a) *Invekkjament ossidattiv biss, wara li l-flor oriġinali jkun sparixxa.*

   b) *Li għandu kontenut alkoħoliku ta' bejn 16 u 22 % vol.*

   c) *Lewn id-deheb antik sa kawba skura, b'aromi speċifiċi għall-invekkjament ossidattiv bħall-ġewż u l-injam.*

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 46, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/34/oj

2. *It-terminu jista' jintuża wkoll għal inbejjed bit-terminu "vino generoso de licor" li mill-inqas 85 % tagħhom jiġu prodotti mill-inbid bit-terminu "vino generoso" deskritt fil-punt 1. It-terminu "Oloroso" għandu jiġi segwit jew preċedut immedjatament fuq it-tikkettar b'indikazzjoni tal-kontenut taz-zokkor tat-taħlita li tirriżulta, kif irregolat fl-ispeċifikazzjonijiet jew ir-regolamenti applikabbli tal-prodott.*"

Spjegazzjoni tar-raġunijiet għall-modifika:

Għall-finijiet ta' ċarezza, trasparenza u ċertezza legali, ċerti termini tradizzjonali għall-inbejjed b'denominazzjonijiet ta' oriġini protetti tal-Andalusija ġew soġġetti għal regolamentazzjoni skont l-Ordni tal-Ministeru Reġjonali għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ilma u l-Iżvilupp Rurali tat-22 ta' Frar 2023, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Andalusija (BOJA) Nru 42 tat-3 ta' Marzu 2023. L-Ordni hija l-istrument legali xieraq għall-approvazzjoni tat-termini tradizzjonali u għall-emendar sussegwenti tagħhom fir-reġistru tal-UE.

Biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni legali tat-terminu tradizzjonali "Oloroso", id-definizzjoni ġiet stabbilita u ppubblikata. Id-definizzjoni tiddeskrivi l-karatteristiċi tipiċi u komuni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti bl-użu tat-terminu tradizzjonali. B'dan il-mod, tippermetti kompetizzjoni ġusta bejn il-produtturi filwaqt li tagħti wkoll informazzjoni ċara lill-konsumaturi.

Isem il-firmatarju/a: id-Direttur Ġenerali għall-Industriji Agroalimentari, l-Innovazzjoni u l-Katina tal-Provvista tal-Ikel